MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Awwissu, 2010

Numru. 887/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ivan Cilia)**

**vs**

**Olaf Cini ta’ 50 sena, bin il-mejjet Loris u Elvira nee` Attard, imwieled Rahal Gdid fis-17 ta’ Lulju 1960, u li bhalissa qieghed mizmum fil-Facilita Korretiva ta’ Kordin. Detentur tal-kara ta’ l-identita numru 539560M**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat Olaf Cini u cioe` talli f’Lulju 2010 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghnula b’rizoluzzjoni wahda;

1. b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq

iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad dannu ta' Caroline Barthet.

2. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra s-somma ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Caroline Barthet, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jisr uzu minnha specifikat.

3. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad dannu ta' Mary Grace Galea.

4. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra s-somma ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Mary Grace Galea, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jisr uzu minnha specifikat.

5. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta'

aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad dannu ta' Gustav Gysler.

6. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra s-somma ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Gustav Gysler, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jisr uzu minnha specifikat.

7. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad dannu ta' Godfrey Formosa.

8. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad dannu tal-kumpanija Vodafone.

9. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' mija u tmenin euro (€180) ghad-dannu ta' Roderick Galea.

Kif ukoll talli sar recidiv ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gejt kundannat b’diversi sentenzi mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni maghmulha mill-imputat f’dan l-istadju bikri tal-proceduri. Madankollu ma tistax tinjora l-fedina penali pjuttost voluminuza tal-imputat.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 293, 308, 309, 310(1)(a), 49, 50 u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta’ erba’ (4) snin prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------